

PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

Kumitat għas-Sajd

2008/0216(CNS)

5.2.2009

ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar il-proposta għal Regolament tal-Kunsill li jstabilixxi Sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd.
(COM(2008)0721 – C6-0510/2008 – 2008/0216(CNS))

Kumitat għas-Sajd

Rapporteur: Raül Romeva i Rueda

Tifsira tas-simboli użati

- * Proċedura ta' konsultazzjoni
maġġoranza tal-voti mitfugħa
- **I Proċedura ta' koperazzjoni (l-ewwel qari)
maġġoranza tal-voti mitfugħa
- **II Proċedura ta' koperazzjoni (it-tieni qari)
maġġoranza tal-voti mitfugħa sabiex tiġi approvata l-pożizzjoni komuni
maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, sabiex tiġi miċħuda jew emendata l-pożizzjoni komuni
- *** Proċedura ta' kunsens
maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, apparti fil-każi msemmija fl-Artikoli 105, 107, 161 u 300 tat-Trattat KE u fl-Artikolu 7 tat-Trattat UE
- ***I Proċedura ta' kodeċiżjoni (l-ewwel qari)
maġġoranza tal-voti mitfugħa
- ***II Proċedura ta' kodeċiżjoni (it-tieni qari)
maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex tiġi approvata l-pożizzjoni komuni
maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, sabiex tiġi miċħuda jew emendata l-pożizzjoni komuni
- ***III Proċedura ta' kodeċiżjoni (it-tielet qari)
maġġoranza tal-voti mitfugħa sabiex jiġi approvat it-test konġunt

(Dan it-tip ta' proċedura jiddependi fuq il-bażi legali proposta mill-Kummissjoni.)

Emendi għal test leġiżlattiv

Fl-emendi li jsiru mill-Parlament, it-test emendat huwa indikat b' tipa **qawwija u korsiva**. Fil-każ ta' atti li jemendaw, il-partijiet li jittieħdu kif inhum minn dispożizzjoni eżistenti li l-Parlament jixtieq jemenda, imma li l-Kummissjoni ma tkunx emendat, huma indikati b'tipa **qawwija**. It-tħassir eventwali li jikkonċerna dawn il-partijiet jiġi indikat kif ġej: [...]. Test *korsiv normali* huwa indikazzjoni għas-servizzi tekniċi li turi partijiet tat-test leġiżlattiv li għalihom qed tkun proposta korrezzjoni bl-iskop li tgħin fil-preparazzjoni tat-test finali (pereżempju, żbalji ovrji jew nuqqasijiet f'verżjoni lingwistika minnhom). Il-korrezzjonijiet proposti huma suġġetti għall-qbil tas-servizzi tekniċi involuti.

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW	5
NOTA SPJEGATTIVA	23

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta għal Regolament tal-Kunsill li jstabbilixxi Sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd.
(COM(2008)0721 – C6-0510/2008 – 2008/0216(CNS))

(Proċedura ta' konsultazzjoni)

The European Parliament,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2008)0721),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 37 tat-Trattat KE, skond liema artikolu ġie kkonsultat mill-Kunsill(C6-0510/2008),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għas-Sajd u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza ta' l-Ikel (A6-0000/2009),
1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif emendata;
 2. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex konsegwentement tbiddel il-proposta tagħha, skont l-Artikolu 250(2) tat-Trattat KE;
 3. Jistieden lill-Kunsill biex jinfurmah jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;
 4. Jitlob lill-Kunsill sabiex jerġa' jikkonsultah jekk ikollu l-ħsieb li jemenda l-proposta tal-Kummissjoni b'mod sostanzjali;
 5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

Emenda 1

Proposta għal regolament

Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni

(4) Fil-preżent id-dispożizzjonijiet tal-kontroll huma mifruxa fuq numru vast ta' testi legali sovrapposti u kumplessi. Jeżistu nuqqasijiet fl-implimentazzjoni mill-Istati Membri ta' wħud mill-partijiet tas-sistema tal-kontroll, u ***dan jirriżulta*** f' miżuri insuffiċjenti u diverġenti bħala reazzjoni

Emenda

(4) Fil-preżent id-dispożizzjonijiet tal-kontroll huma mifruxa fuq numru vast ta' testi legali sovrapposti u kumplessi. Jeżistu nuqqasijiet fl-implimentazzjoni mill-Istati Membri ta' wħud mill-partijiet tas-sistema tal-kontroll, u ***l-Kummissjoni għadha ma pproponietx ir-regolamenti***

għall-infrazzjonijiet tar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, biex b'hekk jiġi mhedded il-ħolqien ta' parità ta' kundizzjonijiet għas-sajjieda madwar il-Komunità. Għal din ir-raġuni r-reġim eżistenti u l-obbligazzjonijiet kollha fih għandhom jiġu konsolidati, razzjonalizzati u simplifikati, b'mod partikolari permezz tat-tnaqqis ta' *piżijiet doppji tar-regolazzjoni u l-amministrazzjoni*.

implimentattivi kollha meħtieġa għar-Regolament (KEE) Nru 2847/1993. Dan irriżulta f' miżuri insuffiċjenti u diverġenti bħala reazzjoni għall-infrazzjonijiet tar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, biex b'hekk jiġi mhedded il-ħolqien ta' parità ta' kundizzjonijiet għas-sajjieda madwar il-Komunità. Għal din ir-raġuni r-reġim eżistenti u l-obbligazzjonijiet kollha fih għandhom jiġu konsolidati, razzjonalizzati u simplifikati, b'mod partikolari permezz tat-tnaqqis ta' *regolamentazzjoni doppja u piżijiet amministrattivi*.

Or. en

Emenda 2

Proposta għal regolament Premessa 14 a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(14a) Il-Politika Komuni tas-Sajd tkopri l-konservazzjoni, l-immaniġġjar u l-isfruttament tar-riżorsi ħajjin tal-ilma, sabiex it-tipi kollha ta' attivitajiet li jisfruttaw dawn ir-riżorsi jitqiesu fuq bażi ekwa, kemm jekk ikunu kummerċjali kif ukoll jekk le. Ikun diskriminatorju jekk is-sajd kummerċjali jkun suġġett għal kontrolli u limiti rigorużi filwaqt li s-sajd mhux kummerċjali jiġi eżentat.

Or. en

Emenda 3

Proposta għal regolament Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(19) L-attivitajiet u l-metodi tal-kontroll

(19) L-attivitajiet u l-metodi tal-kontroll

għandhom ikunu bbażati fuq il-ġestjoni tar-riskju bl-użu sistematiku u komprensiv tal-proċeduri tal-kontroverifiki.

għandhom ikunu bbażati fuq il-ġestjoni tar-riskju bl-użu sistematiku u komprensiv tal-proċeduri tal-kontroverifiki **mill-Istati Membri. Jinħtieġ ukoll li l-Istati Membri jaqsmu bejniethom tagħrif rilevanti.**

Or. en

Emenda 4

Proposta għal regolament Premessa 34

Test propost mill-Kummissjoni

(34) Il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu adottati skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li *tipprovdi* l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat *tal-implimentazzjoni kkonferiti fuq il-Kummissjoni*. Il-miżuri kollha adottati mill-Kummissjoni għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament se jikkonformaw mal-prinċipju tal-proporzjonalità.

Emenda

(34) Il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu adottati skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li *tistabilixxi* l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat *implimentattivi mogħtija lill-Kummissjoni, kif emendata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/512/KE tas-17 ta' Lulju 2006*. Il-miżuri kollha adottati mill-Kummissjoni għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament se jikkonformaw mal-prinċipju tal-proporzjonalità.

Or. en

Emenda 5

Proposta għal regolament Premessa 38 a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(38a) Post id-data dwar qabdiet huwa fid--dominju pubbliku.

Or. en

Emenda 6

Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 7 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(7a) “Sajd mhux Kummerċjali” jfisser kull sajd f’ibħra inkluż, fost l-oħrjan, sajd bħala sport, sajd rikreattiv u turnamenti li jitwettqu minn fuq bastiment li ma jkunx meħtieġ li jkollu liċenzja tas-sajd Komunitarja skont ir-Regolament (KE) Nru 1281/2005 tal-Kummissjoni tat-3 ta’ Awwissu 2005 dwar l-immaniġġjar tal-liċenzji tas-sajd u t-tagħrif minimu li jrid ikun hemm fihom¹;

¹ ĠU L 203, 4.8.2005, p. 3.

Or. en

Ġustifikazzjoni

It-terminu “sajd mhux kummerċjali” huwa aktar ċar mit-terminu “sajd rikreattiv” u għandu jkun definit sabiex tiġi evitata l-konfużjoni.

Emenda 7

Proposta għal regolament Artikolu 7 – paragrafu 1 – punt a a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

aa) qabdiet totali permissibbli;

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-awtorizzazzjonijiet għas-sajd għandhom jinħtieġu wkoll għal speċijiet li fuqhom hemm limitazzjoni tal-kwota.

Emenda 8

Proposta għal regolament

Artikolu 9 – paragrafu 6 – test introdutturju

Test propost mill-Kummissjoni

6. Il-bastimenti tal-Komunità li huma sa 15-il metru fit-tul jistgħu jiġu eżentati mir-rekwiżit li jkunu mgħammra b'Sistema ta' Monitoraġġ tal-Bastiment jekk:

Emenda

6. Il-bastimenti tal-Komunità li huma sa 15-il metru fit-tul **u li jużaw tagħmir passiv** jistgħu jiġu eżentati mir-rekwiżit li jkunu mgħammra b'Sistema ta' Monitoraġġ tal-Bastiment jekk:

Or. en

Ġustifikazzjoni

Bastimenti tas-sajd b'tul ta' bejn 10 m u 15 m jistgħu jkunu ta' pressjoni sinifikanti fuq ir-riżorsi tal-baħar jekk jużaw tagħmir attiv, u għalhekk din il-possibilità ta' deroga għandha tkun limitata għat-tagħmir passiv.

Emenda 9

Proposta għal regolament

Artikolu 14 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Mingħajr preġudizzju għar-regoli speċifiċi, il-kaptani tal-bastimenti tas-sajd tal-Komunità li jeċċedu l-10 metri fit-tul għandhom iżommu *ġurnal* ta' abbord tal-operazzjonijiet tagħhom, li jindika speċifikament il-kwantitajiet kollha li huma akbar minn 15-il kg ta' ekwivalenti ta' piż ħaj ta' kull speċi li jaqbd u jżommu abbord, id-data u ż-żona ġeografika rilevanti, espressa permezz ta' referenza għas-subżona u d-diviżjoni jew subdiviżjoni, jew fejn applikabbli rettangolu statistiku li fih japplikaw il-limiti fuq il-qabdiet skont il-leġiżlazzjoni tal-Komunità, ta' dawn il-qabdiet u t-tip ta' *rkaptu* użat. Għandhom jiġu rreġistrati wkoll *fil-ġurnal* ta' abbord il-kwantitajiet ta' kull speċi li jintremew fil-baħar. *L-akkuratezza* tad-dejta rreġistrata *fil-ġurnal*

Emenda

1. Mingħajr preġudizzju għar-regoli speċifiċi, il-kaptani tal-bastimenti tas-sajd tal-Komunità li jeċċedu l-10 metri fit-tul għandhom iżommu *reġistru bil-miktub* ta' abbord tal-operazzjonijiet tagħhom, li jindika speċifikament il-kwantitajiet kollha li huma akbar minn 15-il kg ta' ekwivalenti ta' piż ħaj ta' kull speċi li jaqbd u jżommu abbord, id-data u ż-żona ġeografika rilevanti, espressa permezz ta' referenza għas-subżona u d-diviżjoni jew subdiviżjoni, jew fejn applikabbli rettangolu statistiku li fih japplikaw il-limiti fuq il-qabdiet skont il-leġiżlazzjoni tal-Komunità, ta' dawn il-qabdiet u t-tip ta' *rkaptu* użat.

ta' abbord għandha tkun ir-responsabbiltà tal-kaptan.

Għal qabdiet li jsiru fl-ibħra ta' pajjiż terz it-tagħrif għandu jinqasam skont il-pajjiż terz u l-istokk, b'riferenza għall-iżgħar żona statistika definita għall-attività ta' sajd ikkonċernata. Il-qabdiet li jsiru fl-ibħra mhux territorjali għandhom jiġu rreġistrati b'riferenza għall-iżgħar żona statistika definita mill-Konvenzjoni Internazzjonali li tirregola l-post tal-qabda u skont l-ispeċi jew grupp ta' speċi għall-istokkijiet kollha fiż-żona ta' sajd ikkonċernata.

Għandhom jiġu rreġistrati wkoll *fir-reġistru* ta' abbord il-kwantitajiet ta' kull speċi li jintremew fil-baħar. *Il-preċiżjoni* tad-dejta rreġistrata *fir-reġistru* ta' abbord għandha tkun ir-responsabbiltà tal-kaptan.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-kliem “bil-miktub” huwa miżjud biex issir distinzjoni mir-reġistru elettroniku msemmi fl-Artikolu 15. Il-kliem miżjud huwa l-istess bħal dak li jinstab fl-Artikolu 18 tar-Regolament attwali tal-Kunsill u jikkontribwixxi għat-traċċabilità u jistabbilixxi l-orijini tal-ħuta.

Emenda 10

Proposta għal regolament Artikolu 15 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Il-kaptan ta' bastiment tas-sajd tal-Komunità li jaqbeż l-10 metri fit-tul għandu jirreġistra permezz ta' mezzi elettroniċi l-informazzjoni tas-sajd *fil-ġurnal* ta' abbord u għandu jibagħtu lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-bandiera tal-anqas darba kuljum.

Emenda

1. Il-kaptan ta' bastiment tas-sajd tal-Komunità li jaqbeż l-10 metri fit-tul għandu jirreġistra permezz ta' mezzi elettroniċi l-informazzjoni tas-sajd *fir-reġistru* ta' abbord u għandu jibagħtu lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-bandiera tal-anqas darba kuljum. ***Dan ir-reġistru elettroniku jissostitwixxi l-ħtieġa ta' reġistru bil-miktub skont l-Artikolu 14(1).***

Ġustifikazzjoni

Biex ikun iċċarat li mhux meħtieġ li jkun hemm kemm reġistru elettroniku kif ukoll bil-miktub.

Emenda 11

Proposta għal regolament

Artikolu 15 – paragrafu 2 – test introdutturju

Test propost mill-Kummissjoni

2. Il-paragrafu 1 għandu japplika għall-bastimenti tas-sajd tal-Komunità li jeċċedu l-15-il metru fit-tul imma ta' mhux aktar minn 24 metru tul totali mill-1 ta' Jannar 2011, u għal bastimenti tas-Sajd Komunitarji li jaqbżu l-10 metri tul imma mhux aktar minn 15-il metru tul totali mill-1 ta' Jannar 2012. Il-bastimenti tal-Komunità li huma sa 15-il metru fit-tul jistgħu jiġu eżentati mill-paragrafu 1 jekk dawn:

Emenda

2. Il-paragrafu 1 għandu japplika għall-bastimenti tas-sajd tal-Komunità li jeċċedu l-15-il metru fit-tul imma ta' mhux aktar minn 24 metru tul totali mill-1 ta' Lulju 2011, u għal bastimenti tas-Sajd Komunitarji li jaqbżu l-10 metri tul imma mhux aktar minn 15-il metru tul totali mill-1 ta' Jannar 2012. Il-bastimenti tal-Komunità li huma sa 15-il metru fit-tul **li jużaw tagħmir passiv** jistgħu jiġu eżentati mill-paragrafu 1 jekk dawn:

Ġustifikazzjoni

Bastimenti tas-sajd b'tul ta' bejn 10 m u 15 m jistgħu jkunu ta' pressjoni sinifikanti fuq ir-riżorsi tal-baħar jekk jużaw tagħmir attiv, u għalhekk din il-possibilità ta' deroga għandha tkun limitata għat-tagħmir passiv.

Emenda 12

Proposta għal regolament

Artikolu 21 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Il-kaptan għandu jkun responsabbli għall-akkuratezza tad-dikjarazzjoni tal-ħatt l-art li għandha tindika, bħala minimu, il-kwantitajiet li jinħattu minn kull speċi, kif stipulati fl-Artikolu 14, flimkien maż-żona

Emenda

1. Il-kaptan għandu jkun responsabbli għall-*preċiżjoni* tad-dikjarazzjoni tal-ħatt l-art li għandha tindika, bħala minimu, il-kwantitajiet li jinħattu minn kull speċi, kif stipulati fl-Artikolu 14, flimkien maż-żona

fejn inqabdu u d-data tal-qbid.

fejn inqabdu u d-data tal-qbid. ***Iż-żona għandha tkun definita bl-istess livell ta' dettall skont l-Artikolu 14(1).***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Id-dikjarazzjonijiet dwar kemm jinħattu l-art ħut għandu jkun fihom tagħrif bl-istess livell ta' dettall bħar-reġistru, sabiex jgħinu biex tkun iggarantita t- traċċabilità u tkun stabbilita l-oriġini tal-ħut.

Emenda 13

Proposta għal regolament Artikolu 21 – paragrafu 4 – test introduttorju

Test propost mill-Kummissjoni

4. Il-paragrafu 2 għandu japplika għall-bastimenti tas-sajd tal-Komunità li jeċċedu l-15-il metru fit-tul imma ta' mhux aktar minn 24 metru tul totali mill-1 ta' Jannar 2011, u għal bastimenti *tas-Sajd* Komunitarji li jaqbżu l-10 metri tul imma mhux aktar minn 15-il metru *tutl* totali mill-1 ta' Jannar 2012. Il-bastimenti tal-Komunità li ma jaqbżux il-15-il metru fit-tul jistgħu jiġu eżentati mill-applikazzjoni tal-paragrafu 2 jekk:

Emenda

4. Il-paragrafu 2 għandu japplika għall-bastimenti tas-sajd tal-Komunità li jeċċedu l-15-il metru fit-tul imma ta' mhux aktar minn 24 metru tul totali mill-1 ta' *Lulju* 2011, u għal bastimenti *tas-sajd* Komunitarji li jaqbżu l-10 metri tul imma mhux aktar minn 15-il metru *tul* totali mill-1 ta' Jannar 2012. Il-bastimenti tal-Komunità li ma jaqbżux il-15-il metru fit-tul ***u li jużaw tagħmir passiv*** jistgħu jiġu eżentati mill-applikazzjoni tal-paragrafu 2 jekk:

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-bastimenti tas-sajd b'tul ta' bejn 10 m u 15 m jistgħu jkun ta' pressjoni sinifikanti fuq ir-riżorsi tal-baħar jekk jużaw tagħmir attiv, u għalhekk din il-possibilità ta' deroga għandha tkun limitata għat-tagħmir passiv.

Emenda 14

Proposta għal regolament Artikolu 21 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni

5. Għall-bastiment li huma eżentati mir-rekwiżit stipulat fil-paragrafu 2, il-kaptan, jew ir-rappreżentant tiegħu, malli jħott il-qabdiet l-art, għandu jirreġistra u jissottometti kemm jista' jkun malajr u mhux aktar tard minn 24 siegħa wara *l-ħatt* l-art, dikjarazzjoni tal-ħatt l-art lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru fejn ikun sar il-ħatt l-art.

Emenda

5. Għall-bastiment li huma eżentati mir-rekwiżit stipulat fil-paragrafu 2, il-kaptan, jew ir-rappreżentant tiegħu, malli jħott il-qabdiet l-art, għandu jirreġistra u jissottometti kemm jista' jkun malajr u mhux aktar tard minn 24 siegħa wara *l-ħatt* l-art, dikjarazzjoni tal-ħatt l-art lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru fejn ikun sar il-ħatt l-art, ***li imbagħad għandu jgħaddiha mingħajr dewmien lill-Istat Membru tal-bandiera.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-istati Membru tal-bandiera jeħtieġ li jkun mgħarraf ukoll.

Emenda 15

Proposta għal regolament Artikolu 23 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Kull Stat Membru għandu jirreġistra d-dejta rilevanti kollha dwar l-opportunitajiet tas-sajd msemija f'dan il-Kapitolu, *espressi* kemm f'termini ta' qabdiet kif ukoll tal-isforz tas-sajd, u għandu jżomm il-kopja oriġinali tad-dejta għal perjodu ta' tliet snin jew aktar skont ir-regoli nazzjonali.

Emenda

1. Kull Stat Membru għandu jirreġistra d-dejta rilevanti kollha dwar l-opportunitajiet tas-sajd msemija f'dan il-Kapitolu, *espressa* kemm f'termini ta' qabdiet, ***ħut maqbud skartat***, kif ukoll tal-isforz tas-sajd, u għandu jżomm il-kopja oriġinali tad-dejta għal perjodu ta' tliet snin jew aktar skont ir-regoli nazzjonali. ***Id-dejta f'format elettroniku għandha tinżamm għal talanqas għaxar snin.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Jeħtieġ li tinġabar u tiġi analizzata dejta dwar il-ħut maqbud skartat. Filwaqt li r-rekords oriġinali (bil-miktub) jistgħu jinqerdu wara tliet snin, id-dejta li tkun fihom għandha tinżamm għal aktar, għal skopijiet ta' riċerka xjentifika, li spiss tiddependi fuq dejta storika.

Emenda 16

Proposta għal regolament Artikolu 23 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. Il-qabdiet kollha ta' stokk jew grupp ta' stokkijiet suġġetti għal kwota li jsiru mill-bastimenti tas-sajd tal-Komunità għandhom *jiġu* jinqatgħu mill-kwota applikabbli għall-Istat Membru tal-bandiera għall-istokk jew grupp ta' stokkijiet konċernati, irrispettivament mill-post tal-ħatt l-art.

Emenda

3. Il-qabdiet kollha ***u l-iskartar kollu ta' ħut maqbud*** ta' stokk jew grupp ta' stokkijiet suġġetti għal kwota li jsiru mill-bastimenti tas-sajd tal-Komunità għandhom jinqatgħu mill-kwota applikabbli għall-Istat Membru tal-bandiera għall-istokk jew grupp ta' stokkijiet konċernati, irrispettivament mill-post tal-ħatt l-art.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-iskartar ta' ħut maqbud għandu jinqata' mill-kwota nazzjonali, biex ikun hemm inċentiv għal sajd aktar selettiv ħalli jiġi evitat li dawn jinqabdu.

Emenda 17

Proposta għal regolament Artikolu 34 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Meta *jkollu* jinħatt l-art aktar mill-kwantità minima ta' ħut imsemmija fil-paragrafu 1, il-kaptan tal-bastiment tas-sajd tal-Komunità għandu jiżgura li *t-tali* ħatt l-art isir biss f'port deżinjat fil-Komunità. Meta l-pjan multiannwali jiġi applikati fil-kuntest ta' Organizzazzjoni Reġjonali għall-Ġestjoni tas-Sajd, il-ħatt l-art jista' jsir f'port ta' parti kontraenti ta' dik l-

Emenda

2. Meta *tkun se* jinħatt l-art aktar mill-kwantità minima ta' ħut imsemmija fil-paragrafu 1, il-kaptan tal-bastiment tas-sajd tal-Komunità għandu jiżgura li *dan il-ħatt* l-art isir biss f'port deżinjat fil-Komunità. Meta l-pjan multiannwali jiġi applikati fil-kuntest ta' Organizzazzjoni Reġjonali għall-Ġestjoni tas-Sajd, il-ħatt l-art jista' jsir f'port ***deżinjat*** ta' parti kontraenti ta'

organizzazzjoni.

dik l-organizzazzjoni.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-operazzjonijiet ta' trażbord għandhom jitwettqu biss f'portijiet deżinjati minn organizzazzjoni reġjonali tal-immaniġġjar tas-sajd.

Emenda 18

Proposta għal regolament

Artikolu 37 – paragrafu 2 – test introduttorju

Test propost mill-Kummissjoni

2. Fis-sajd fejn huwa permess li jkun hemm aktar minn **żewġ tipi** ta' *rkaptu* abbord, *l-irkaptu* li ma jintużax irid jiġi stivat sabiex ma jkunx jista' jintuża faċilment skont il-kundizzjonijiet li ġejjin:

Emenda

2. Fis-sajd fejn huwa permess li jkun hemm aktar minn **tip wieħed** ta' *tagħmir* abbord, *it-tagħmir* li ma jintużax irid jiġi stivat sabiex ma jkunx jista' jintuża faċilment skont il-kundizzjonijiet li ġejjin:

Or. en

Ġustifikazzjoni

Dan jidher li huwa żball u ma jinstabx fir-regolament attwali. Huwa loġiku li t-tagħmir mhux użat jiġi stivat, anke jekk hemm biss żewġ tipi ta' tagħmir.

Emenda 19

Proposta għal regolament

Artikolu 41 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Il-kaptan ta' bastiment tas-sajd għandu jirreġistra r-rimi lura fil-baħar kollu 'l fuq minn 15 kg ta' ekwivalenti ta' piż ħaj fil-volum u għandu jikkomunika, fejn possibbli permezz ta' mezzi elettroniċi, din l-informazzjoni mingħajr dewmien lill-awtoritajiet kompetenti.

Emenda

1. Il-kaptan ta' bastiment tas-sajd għandu jirreġistra r-rimi lura fil-baħar kollu 'l fuq minn 15 kg ta' ekwivalenti ta' piż ħaj fil-volum **għall kull darba li t-tagħmir jittella' fuq il-bastiment**, u għandu jikkomunika, fejn possibbli permezz ta' mezzi elettroniċi, din l-informazzjoni mingħajr dewmien lill-awtoritajiet

kompetenti.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ma tagħmilx sens li jintalab li jiġi rreġistrat l-iskartar ta' 15-il kg ta' ħut maqbud matul is-sajda kollha fuq il-baħar.

Emenda 20

Proposta għal regolament Artikolu 47 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Is-sajd **rikreattiv** fuq bastiment **fl-ilmijiet** Komunitarji, għal stokk li huwa *suġġet* għal pjan multiannwali għandu jkun **suġġett għal awtorizzazzjoni għal dak il-bastiment maħruġa** mill-Istat Membru **tal-bandiera**.

Emenda

1. Is-sajd **mhux kummerċjali mwettaq minn** fuq bastiment **fl-ibħra** Komunitarji, għal stokk li huwa *suġġett* għal pjan multiannwali għandu jkun **evalwat** mill-Istat Membru **fl-ibħra fejn dan jitwettaq. Is-sajd permezz tal-qażba u r-rukkell minn fuq ix-xatt m'għandux jiġi inkluż.**

Or. en

Ġustifikazzjoni

Biex it-test jiġi ċċarat u biex id-dispożizzjonijiet isiru aktar raġonevoli u jkun jistgħu jitħaddmu aktar.

Emenda 21

Proposta għal regolament Artikolu 47 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. **Il-qabdiet fis-sajd rikreattiv minn stokkijiet suġġetti għal pjan multiannwali għandhom jiġu rreġistrati** mill-Istat Membru **tal-bandiera**.

Emenda

2. **Fi żmien sentejn mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, l-Istati Membri għandhom jagħmlu stima tal-impatt ta' Sajd mhux kummerċjali li jitwettaq fl-ilmijiet tagħhom u jippreżentaw din l-informazzjoni lill-Kummissjoni. Fuq il-parir tal-Kumitat**

Xjentifiku, tekniku u Ekonomiku għas-Sajd, l-Istat Membru relevanti u l-Kummissjoni, għandhom jiddeċiedu liema Sajd mhux kummerċjali qed ikollu impatt sinifikanti fuq l-istokkijiet. Fi żmien tliet snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, dak l-Istat membru, b'koperazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni, għandu jiżviluppa sistema ta' monitoraġġ għas-sajd li jħalli impatt sinifikanti li tinkludi liċenzji u mezz kif tista' ssir stima preċiża tal-qabdiet totali għal kull stokk ta' ħut. Is-Sajd mhux kummerċjali għandu jikkonforma mal-għanijiet tal-Politiki Komuni tas-Sajd.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Biex it-test jiġi ċċarat u biex id-dispożizzjonijiet isiru aktar raġonevoli u jkun jistgħu jitħaddmu aktar.

Emenda 22

Proposta għal regolament Artikolu 47 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. Il-qabdiet ta' speċijiet suġġetti għal ***pjan multiannwali skont is-sajd rikreattiv*** għandhom jinqatgħu mill-kwoti rilevanti tal-Istat Membru tal-bandiera. L-Istati Membri konċernati ***għandhom*** jistabbilixxu sehem mit-tali kwoti li għandu jintuża esklussivament għall-iskopijiet tas-sajd rikreattiv.

Emenda

3. Il-qabdiet ta' speċijiet suġġetti għal ***sistema ta' monitoraġġ skont il-paragrafu 2*** għandhom jinqatgħu mill-kwoti rilevanti tal-Istat Membru tal-bandiera. L-Istati Membri konċernati ***jistgħu*** jistabbilixxu sehem mit-tali kwoti li għandu jintuża esklussivament għall-iskopijiet tas-sajd rikreattiv.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Biex it-test jiġi ċċarat u biex id-dispożizzjonijiet isiru aktar raġonevoli u jkun jistgħu jitħaddmu aktar.

Emenda 23

Proposta għal regolament Artikolu 47 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

4. Il-kummerċjalizzazzjoni tal-qabdiet mis-sajd **rikreattiv** għandu jkun *projbit minbarra* jekk dan isir għal skopijiet filantropiċi.

Emenda

4. Il-kummerċjalizzazzjoni tal-qabdiet mis-sajd **mhux kummerċjali** għandu jkun *ipprojbit ħlief* jekk dan isir għal skopijiet filantropiċi.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Biex it-test jiġi ċċarat u biex id-dispożizzjonijiet isiru aktar raġonevoli u jkun jistgħu jiġihaddmu aktar.

Emenda 24

Proposta għal regolament Artikolu 50 – paragrafu 2 – punt b a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

ba) l-istokk;

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-informazzjoni għandha tinkludi l-identifikazzjoni tal-istokk li minnu jkun ġie l-ħut, inkella l-oriġini tiegħu ma jkunx jista' jiġi ddeterminat, u dan l-artikolu huwa bil-għan li jkun żgurat li jkun hemm traċċabilità.

Emenda 25

Proposta għal regolament Artikolu 54 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Ix-xerrejja reġistrati, stabbilimenti rreġistrati tal-irkant jew il-korpi jew il-persuni *l-oħra* responsabbli għall-ewwel kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti tas-sajd li *nħattu* l-art fi Stat Membru, għandhom jissottomettu elettronikament, fi żmien sagħtejn wara l-ewwel bejgħ, nota tal-bejgħ lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru li fit-territorju tiegħu ikun sar l-ewwel bejgħ. Jekk dan l-Istat Membru mhux iex l-Istat tal-bandiera tal-bastiment li ħatt l-art il-ħut, huwa għandu jiżgura li tiġi sottomessa kopja tan-nota tal-bejgħ lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tal-bandiera malli jirċievi l-informazzjoni rilevanti. *L-akkuratezza* tan-nota tal-bejgħ għandha tkun ir-responsabbiltà ta' dawn ix-xerrejja, stabbilimenti tal-irkanti, korpi jew persuni.

Emenda

1. Ix-xerrejja reġistrati, stabbilimenti rreġistrati tal-irkant jew il-korpi jew il-persuni *oħra* responsabbli għall-ewwel kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti tas-sajd li *jinħattu* l-art fi Stat Membru, għandhom jissottomettu elettronikament, fi żmien sagħtejn wara l-ewwel bejgħ, nota tal-bejgħ lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru li fit-territorju tiegħu ikun sar l-ewwel bejgħ. Jekk dan l-Istat Membru mhux iex l-Istat tal-bandiera tal-bastiment li ħatt l-art il-ħut, huwa għandu jiżgura li tiġi sottomessa *mingħajr dewmien* kopja tan-nota tal-bejgħ lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tal-bandiera malli jirċievi l-informazzjoni rilevanti. *Il-preċiżjoni* tan-nota tal-bejgħ għandha tkun ir-responsabbiltà ta' dawn ix-xerrejja, stabbilimenti tal-irkanti, korpi jew persuni.

Or. en

Emenda 26

Proposta għal regolament Artikolu 69

Test propost mill-Kummissjoni

L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu u jżommu aġġornata *database* elettronika fejn jistgħu *itellgħu* r-rapporti ta' spezzjoni u ta' sorveljanza kollha *ppreparati* mill-uffiċjali tagħhom.

Emenda

L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu u jżommu aġġornata *bażi ta' dejta* elettronika fejn jistgħu *jtellgħu* r-rapporti ta' spezzjoni u ta' sorveljanza kollha, *inklużi rapporti minn osservaturi, ippreparati* mill-uffiċjali tagħhom.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ma jidher li hemm ebda raġuni għaliex ir-rapporti minn osservaturi m'għandhomx jiddaħħlu fil-bażi tad-dejta wkoll.

Emenda 27

Proposta għal regolament

Artikolu 71 - paragrafu 2 - subparagrafu 1 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

F'każijiet ta' insewiment li jibda fl-ilmijiet tal-Istat Membru li qed iwettaq l-ispezzjoni, l-Istat Membru kostali għandu jiġi mgħarraf hekk kif ikun jidher ċar li l-bastiment tas-sajd li jkun qed jiġi segwit ikun se jidħol fl-ilmijiet territorjali tiegħu u qabel mal-bastiment li jkun qed isegwi jidħol fl-ilmijiet tiegħu. Il-Kummissjoni għandha tiġi mgħarrfa fl-istess ħin li jiġi mgħarraf l-Istat Membru kostali.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Xejn m'hi loġika li bastiment ta' ispezzjoni li jkun qed isegwi jrid jitlob permess u jista' jkun li jkollu jistenna diversi sigħat. F'sitazzjonijiet ta' emerġenza bħal dawn, għandu jkun biżżejjed li l-Istat jiġi nnotifikat (kif ukoll il-Kummissjoni, sabiex din ikollu dehra ġenerali ta' ġrajjiet bħal dawn).

Emenda 28

Proposta għal regolament

Artikolu 72 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. Talbiet għall-awtorizzazzjoni minn Stat Membru biex *imexxi* spezzjonijiet fuq bastiment tas-sajd fl-ilmijiet tal-Komunità 'il barra mill-ilmijiet li jaqgħu taħt is-sovranità jew il-ġurisdizzjoni tiegħu, kif imsemmi fl-Artikolu 71(2)(a), għandhom jiġu deċiżi mill-Istat Membru kostali

1. Talbiet għall-awtorizzazzjoni minn Stat Membru biex *iwettaq* spezzjonijiet fuq bastiment tas-sajd fl-ilmijiet tal-Komunità 'il barra mill-ilmijiet li jaqgħu taħt is-sovranità jew il-ġurisdizzjoni tiegħu, kif imsemmi fl-Artikolu 71(2)(a), għandhom jiġu deċiżi mill-Istat Membru kostali

konċernat fi żmien 12-il siegħa mill-ħin tat-talba ***jew fi żmien xieraq fejn ir-raġuni għat-talba hija l-insewiment lil hinn mill-fruntiera li jkun beda fl-ilmijiet tal-Istat Membru li qed jagħmel l-ispezzjoni.***

konċernat fi żmien 12-il siegħa mill-ħin tat-talba.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ara l-emenda tal-paragrafu 2 tal-Artikolu 71. Xejn m'hi loġika li bastiment ta' ispezzjoni li jkun qed isegwi jrid jitlob permess u jista' jkun li jkollu jistenna diversi sigħat. F'sitazzjonijiet ta' emerġenza bħal dawn, għandu jkun biżżejjed li l-Istat jiġi nnotifikat (kif ukoll il-Kummissjoni, sabiex din ikollu dehra ġenerali ta' ġrajjiet bħal dawn).

Emenda 29

Proposta għal regolament Artikolu 84 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni

7. L-Istati Membri għandhom jistabilixxu wkoll sistema ta' punti *penali* li taħtha ***l***-kaptan u l-uffiċjali ta' bastiment jirċievu punti *penali* xierqa bħala riżultat ta' infrazzjoni kontra r-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd komessa minnhom.

Emenda

7. L-Istati Membri għandhom jistabilixxu wkoll sistema ta' punti *ta' penalità* li taħtha ***sid il-vapur, il***-kaptan u l-uffiċjali ta' bastiment jirċievu punti xierqa *ta' penalità* bħala riżultat ta' infrazzjoni kontra r-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd komessa minnhom.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Jeħtieġ li s-sidien tal-vapuri jiddaħħlu wkoll fis-sistema, billi huma għandhom ir-responsabilità aħħarija għall-bastimenti tagħhom.

Emenda 30

Proposta għal regolament Artikolu 101 – paragrafu 2 – punt g

Test propost mill-Kummissjoni

g) *projbizzjoni* għall-bastimenti tas-sajd li

Emenda

g) *il-projbizzjoni* għall-bastimenti tas-sajd

jtajru l-bandiera tal-Istat Membru
konċernat milli jistadu fl-ilmijiet taħt il-
ġurisdizzjoni ta' Stati Membri oħra;

li jtajru l-bandiera tal-Istat Membru
konċernat milli jistadu fl-ilmijiet taħt il-
ġurisdizzjoni ta' Stati Membri oħra ***jew li
huma koperti minn Ftehim ta' Sħubija
dwar Sajd***;

Or. en

Ġustifikazzjoni

*Il-bastimenti li ma jhallowx jistadu fl-ilmijiet ta' Stati Membri oħra m'għandhom lanqas
jithallow jistadu f'ilmijiet li huma koperti minn ftehimiet dwar sajd; għax inkella x'idea tkun
qed tagħti tagħha nnifisha l-UE?*

Emenda 31

Proposta għal regolament Artikolu 105 – paragrafu 6 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

***6a. Dejta dwar qabdiet miżmuma minn
kull Stat Membru għandha tkun
disponibbli fid-dominju pubbliku mill-
bidu tas-sena li tiġi wara s-sena meta ssir
il-qabda. Id-dejta disponibbli għall-
pubbliku għandha tinqasam skont l-
ispeċi, l-istokk u t-tip ta' tagħmir.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

*Il-pubbliku għandu d-dritt li jkun jaf kemm qed jinqabad ħut. Bħalissa, it talbiet lill-
Kummissjoni għal dejta dwar il-qbid aggregat tal-ħut mhux qed jintlaqgħu minħabba r-
raġuni li huma kunfidenzjali. M'għandniex xi ngħidu l-qabdiet minn bastimenti individwali
huma kunfidenzjali.*

NOTA SPJEGATTIVA

L-implimentazzjoni effettiva u mhux diskriminatorja tar-regoli għandha tkun wieħed mill-pilastri fundamentali tal-Politika Komuni tas-Sajd. Ir-rispett għar-regoli u approċċ koerenti għall-kontroll huwa l-aħjar mod biex jiġu protetti l-interessi tas-settur tas-sajd fiż-żmien fit-tul. Jekk dawk kollu involuti fis-sajd, mis-sajjeda fuq il-bastimenti sa dawk li jbiegħu l-ħut lix-xerrejja, ma jirrispettawx ir-regoli, aktarx li l-Politika tfalli. L-istokkijiet tal-ħut jisparixxu, kif jagħmlu dawk li jiddependu minnhom.

Kemm il-Kummissjoni kif ukoll il-Parlament Ewropew kemm-il darba wrew id-dispjaċir tagħhom għal-livell baxx ta' konformità u appellaw għal kontrolli aħjar mill-Istati Membri, kif ukoll kriterji u penalitajiet armonizzati ta' ispezzjoni, trasparenza fir-riżultati tal-ispezzjonijiet, it-tisħiħ tas-sistema tal-ispezzjonijiet Komunitarji, eċċ.¹

Ir-regoli isir qbil dwarhom fuq livell tal-UE iżda l-implimentazzjoni u l-infurzar huma r-responsabilità tal-Istati Membri, u għaldaqstant jista' jkun hemm diversi raġunijiet għannuqqas ta' applikazzjoni tagħhom. L-ewwel raġuni hija ġuridika, fis-sens li r-regolament dwar kontroll u l-istrumenti relatati mhumiex biżżejjed u ma jagħtux l-awtorità legali xierqa lill-ispetturi sabiex iwettqu dmirhom. Raġuni oħra hija politika - l-Istati Membri qed iwettqu l-obbligi legali tagħhom biex jimplementaw bis-sħiħ ir-regoli li huma qablu dwarhom fil-Kunsill, u qegħdin jiddedikaw biżżejjed riżorsi biex dan iseħħ? Il-Kummissjoni qegħda tivverifika kif xieraq dak li qed iwettqu l-Istati Membri? Ta' min jirrimarka li l-Kummissjoni falliet fir-responsabilitajiet tagħha wkoll, billi r-regolament attwali jitlob għal aktar minn 20 regolament implimentattiv, li minnhom kienu l-ftit li l-Kummissjoni pproponiet mill-1993.

Ir-Rapport Speċjali tal-Qorti tal-Awdituri għall-2007² eżamina l-kwistjoni tal-implimentazzjoni ta' aspekk wieħed tas-CFP (ir-regoli dwar il-konservazzjoni tar-riżorsi) u kkonkluda li kienu jeżistu problemi serji:

125. Kollox ma' kollox, il-ħidma tal-Qorti wriet li, minkejja titjib riċenti, il-mekkaniżmi ta' kontroll, spezzjoni u sanzjoni li hemm f'pochom m'humix kapaċi jassiguraw li r-regoli dwar l-amministrazzjoni tar-riżorsi tas-sajd u b'mod partikolari l-QTP u s-sistema tal-kwota huma applikati b'mod effettiv.

Il-Qorti ħarġet b'ħafna rakkomandazzjonijiet biex tittiejeb is-sitwazzjoni u l-Kummissjoni wkoll għamlet ħafna wegħdiet biex tindirizza l-problema fit-tfassil mill-ġdid tar-regolament ta' kontroll. Il-proposta għal dan ir-regolament huwa s-suġġett tar-rapport attwali.

Ir-regolament il-ġdid għandu jkun l-aħħar wieħed mit-tliet regolamenti li jkunu jagħmlu parti mis-sistema ta' kontroll, wara l-adozzjoni tar-regolament tal-IUU³ u r-regolament dwar l-

¹ Pereżempju r-riżoluzzjonijiet tal-PE tas- 06.09.2006 (A6-0228/2006, Morillon), tat-23.10.2003 (A5-0331/2003, Figueiredo), tal-04.07.2002 (A5-0228/2002, Attwooll), tas-17.01.2002 (A5-0470/2001, Miguelez Ramos) u tas-06.11.1997 (A4-0298/1997, Fraga Estevez).

² Ir-Rapport Speċjali Nru 7/2007 dwar is-sistemi ta' kontroll, spezzjoni u sanzjoni relatati mar-regoli dwar il-konservazzjoni tar-riżorsi tas-sajd fil-Komunità

³ Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008 tad-29 ta' Settembru 2008 li jistabbilixxi sistema Komunitarja sabiex tipprevjeni, tiskoraġġixxi u telimina sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat.

awtorizzazzjonijiet għas-sajd¹. Huwa essenzjali li l-miżuri inklużi fil-proposta mhux biss ikun fihom l-aspetti kollha meħtieġa tar-regolament attwali ta' kontroll u r-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti tal-Awdituri, iżda wkoll li jkunu koerenti mad-dispożizzjonijiet ta' dawn iż-żewġ regolamenti l-oħra.

Aktarx li l-aktar kwalità inportanti ta' sistema ta' kontroll li tapplika għas-27 Stat Membru huwa li kulħadd jiġi ttrattat indaqs, u li daww kollha involuti fil-katina tal-produzzjoni – sajjieda, min jipproċessa, ix-xerrejja u oħrajn – iħossu li ma tkunx qed issir diskriminazzjoni kontri hom u li huma jgħorru s-sehem tagħhom tar-responsabilità. Daww li jissejnu “kundizzjonijiet indaqs” għandhom jinħolqu fil-Komunità kollha u tul il-katina kollha ta' kustodja, il-proposta tinkludi numru ta' aspetti li jkunu ta' pass konsiderevoli f'din id-direzzjoni, u għandhom jintlaqgħu. L-Aġenzija Komunitarja għall-Kontroll tas-Sajd għandha rwol partikolarment importanti f'dan ir-rigward, minħabba n-natura tal-Komunità u l-mandat tagħha għall-imparzjalità.

Bħala kumment ġenerali, billi r-reġim ta' kontroll fl-UE qed isir aktar kumpless, il-Kummissjoni għandha tiżgura li r-regoli jkunu prattiċi, applikabbli u effiċjenti. Għandhom jiġu eżaminati sensiela ta' “testijiet ta' studju” bl-użu ta' studji konkreti ta' każijiet ibbażati fuq eżempji attwali ta' sitwazzjonijiet ta' kontroll biex tiġi ttestjata l-effiċjenza tal-miżuri proposti. Dan għandu jsir qabel mar-regolament ta' kontroll jiġi adottat mill-Kunsill u għandu jiġwida lill-Kummissjoni meta tipproponi r-regolamenti implimentattivi li t-tliet partijiet tas-sistema ta' kontroll jeħtieġu. Dan l-eżerċizzju jista' jenfasizza diffikultajiet potenzjali u jgħin sabiex dawn jiġu solvuti qabel ma din il-leġiżlazzjoni tiġi adottata.

Ħafna mill-proposta tinvolvi miżuri li ilhom fir-regolament għal snin, iżda ċerti elementi ġodda jisthoqqlhom li jiġu meqjusa.

Sajd Rikreattiv – Din il-kwistjoniji tkabbret ħafna mill-midja u tiddomina t-taħditiet kollha dwar il-proposta. Mhux ċar mit-test x'qed tipproponi l-Kummissjoni. Dak li huwa ċar hu li, f'xi daqqiet, is-sajd rikreattiv jista' jkun mdaqqas u jkollu impatt sinifikanti fuq l-istokkijiet tal-ħut. Pereżempju, skont id-dejta maħruġa mill-Istati Membri, is-sajjieda sportivi Franċiżi jaqdbu 5,000 tunnellata metrika ta' spnott, waqt li l-qbid mis-sajd rikreattiv Ġermaniż jammonta għal 5,200 tunnellata metrika ta' merluzz fil-Baħar Baltiku. Id-daqs tal-qabdiel tat-tonn tal-pinna blu mis-sajd rikreattiv tant hu serju li l-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku (ICCAT) adottat miżuri ta' maniġment biex tikkontrollahom. Hija ġusta għas-sajjieda kummerċjali li s-sajjieda għar-rikreazzjoni jitħallew jistadu mingħajr ebda kontrolli? Din l-emenda proposta hawnhekk hija sabiex tillimita l-kamp ta' applikazzjoni tar-regolament dwar is-sajd mhux kummerċjali li jitwettaq minn bastimenti (jiġifieri mhux mill-art) fil-baħar (jiġifieri mhux f'ilmijiet interni). L-Istati Membri jkollhom iż-żmien sabiex jevalwaw l-impatt ta' dan is-sajd fuq l-istokkijiet tal-ħut u, f'każijiet fejn l-impatt huwa sinifikanti, biex jipproponu mezz biex dan jiġi mmoniterjat. Peress li hija diskriminatorja li s-sajd kummerċjali jkun suġġett għal limitazzjonijiet fuq il-qbid u għal restrizzjonijiet oħra filwaqt li sajjieda mhux kummerċjali jitħallew jistadu mingħajr limitu, il-qabdiel kollha fl-aħħar mill-aħħar għandu jaqgħu taħt il-kwota nazzjonali.

¹ Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1006/2008 tad-29 September 2008 dwar l-awtorizzazzjonijiet għall-attivitajiet tas-sajd tal-bastimenti tas-sajd tal-Komunità barra mill-ilmijiet Komunitarji u l-aċċess għal bastimenti ta' pajjiżi terzi għall-ilmijiet Komunitarji.

L-Aġenzija Komunitarja għall-Kontroll tas-Sajd – L-Aġenzija ilha topera għal ftit snin biss iżda diġà wriet x'tiswa fit-titjib tal-koordinazzjoni tal-kontrolli fuq il-baħar fost l-Istati Membri waqt diversi Programmi ta' Operazzjonijiet Konġunti. Il-Kummissjoni tipproponi li jitkabbar l-irwol tal-Aġenzija f'diversi oqsma, bħal li tiżviluppa kurrikuli komuni għall-programmi ta' taħriġ, tgħin fl-iżvilupp ta' proċeduri komuni ta' ispezzjoni, ittejjeb l-iskambju ta' komunikazzjoni u informazzjoni fost l-Istati Membri, eċċ. L-Aġenzija għandha rwol ferm importanti li tnaqqas u, jekk ikun possibbli, tneħħi, l-impresjoni ta' ħafna li huma qed ikunu kkontrollati b'id aktar soda minn dik li biha qed ikunu kkontrollati l-ġirien tagħhom. Il-mandat estiż tal-Aġenzija huwa komponent importanti ta' sistema mtejba ta' kontroll. Ir-rapport Attwooll tal-2005¹ kien wera sodisfazzjon għall-ħolqien tal-Aġenzija u anke dak iż-żmien kien ħeġġeġ sabiex din tingħata rwol aktar b'saħħtu.

Analiżi tar-Riskju – Waħda mir-rakkomandazzjoni importanti mill-Qortital-Awdituri kienet li l-Istati membri jistabbilixxu “stratġeja ta' kontroll ibbażata fuq analiżi tar-riskju”, li tkun inkluża fir-regolament ta' kontroll². Il-Qorti tqis li

75. Għarfien tajjeb tad-diversi attivitajiet ta' sajd, tal-atturi involuti, tal-ksur ta' regoli misjub u tal-penali imposti fil-passat huwa essenzjali sabiex tkun stabbilita analiżi tar-riskju tajba, tkun definita strateġija ta' kontroll adattata u jitħejja programm rilevanti.

Ippjanar ibbażat fuq l-istrateġija tal-analiżi tar-riskju jippermetti li jkunu identifikati l-prijoritajiet ta' ispezzjoni u jgħinu fl-allokkazzjoni tar-riżorsi, u jżidu l-effettività tal-attivitajiet ta' kontroll. Il-Kummissjoni laqgħet din ir-rakkomandazzjoni u inkludiet numru ta' miżuri li jipprovdu lill-Istati Membri l-istrutturi meħtieġa, inklużi bażijiet ta' dejta dwar qabdiet, ispezzjonijiet u informazzjoni oħra, proċeduri għall-verifika tad-dejta, eċċ.

Uħud minn dawn jistgħu jinqas bejn l-Istati Membri biex jiġi promoss l-iskambju fluwidu ta' informazzjoni li jgħinhom jistabbilixxu bażi komuni għall-analiżi tagħhom tar-riskju. Għandu jitqies bir-reqqa sa liema punt għandu jkun hemm skambju ta' informazzjoni dwar ksur li jkun qed jiġi investigat, sabiex ikunu żgurati l-kunfidenzjalità u d-dritt għall-privatezza. Madankollu, f'politika komuni bħal dik tas-sajd, fejn il-bastimenti huma ħielsa li jistadu fl-ilmijiet kollha tal-Komunità, l-Istati Membri għandhom ħtieġa ċara għall-aċċess għal informazzjoni rilevanti sabiex iwettqu programmi ta' kontroll effettivi u effiċjenti kemm jista' jkun. L-Aġenzija jista' jkollha rwol fl-istrutturar u fl-organizzazzjoni tal-analiżi u l-iskambju ta' informazzjoni, inkluża l-kwistjoni dwar għal kemm żmien għandha tkun disponibbli din l-informazzjoni.

L-Ispejjeż u l-Piż Amministrattiv – Ħafna Stati Membri huma mħassba li l-proposta se żżid l-ispejjeż tal-programmi ta' kontroll tagħhom u se teħtiġilhom li jwaqqfu sistemi amministrattivi kkumplikati ġodda. Skond id-dejta mill-Kummissjoni, ispezzjoni fuq il-baħar tiswa' aktar minn għaxar darbiet aktar minn ispezzjoni fuq l-art (€7,552 fuq il-baħar, €306 fuq l-art, €541 fil-post tal-bejgħ). Din id-dejta tenfasizza l-ħtieġa li l-kontrolli jkunu mmirati bl-aħjar mod. L-ispezzjonijiet fuq il-baħar għandhom jibqgħu aspekk fundamentali tas-sistema ta'

¹ Ir-Rapport Attwooll A6-0022/2005 dwar il-proposta għal regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi Aġenzija Komunitarja għall-Kontroll tas-Sajd, riżoluzzjoni tal-PE tat- 23.02.2005.

² Ara r-Rapport Speċjali tal-Qorti tal-Awdituri 7/2007, paragrafi 129 u 130.

kontroll, peress li l-uniku mod biex jiġi vverifikat xi jkun qed jiġri fuq il-baħar huwa li wieħed joħroġ fuq il-baħar. Madankollu, l-użu tal-istrateġija tal-analiżi tar-riskju, kif inkluż fil-proposta, jippermetti lill-Istati Membri li jnaqqsu l-ispezzjonijiet tagħhom fuq il-baħar, filwaqt li jagħmluhom aktar immirati u effettivi. Il-proposta tinkludi ħafna teknoloġiji moderni li jippermettu tnaqqis sinifikanti fl-ispejjeż, bħal sistemi elettroniċi li jippermettu verifika tal-qbil tad-dejta rapida u faċli, u tkun evitata l-ħtieġa ta' tqabbil manwali.

Ispezzjonijiet fuq il-Baħar – Il-proposta tespandi l-kapaċità tal-Istati Membri li jwettqu ispezzjonijiet fl-ilmijiet ta' xulxin. Dawn il-proċeduri ta' ispezzjoni reċiproka diġà jeżistu f'xi Organizzazzjonijiet Reġjonali għall-Immaniġġjar tas-Sajd li tagħhom il-Komunità hija membru. Ma' dan tiżdied ukoll il-kapaċità tal-Kummissjoni li twettaq l-ispezzjonijiet tagħha. Għal darb'oħra, bil-għan li titneħħa l-impressjoni tad-diskriminazzjoni u biex jinħolqu "kundizzjonijiet indaqs", din il-proposta missha ilha li saret. Jekk il-flotot tas-sajd jistgħu jbaħħru fl-ilmijiet tal-Komunità, allura l-bastimenti ta' ispezzjoni għandu jkollhom l-istess kapaċità. Waħda mill-emendi mressqa hawnhekk tinvolvi l-"insewiment". Il-proposta tgħid li jekk bastiment tal-ispezzjoni minn Stat Membru wieħed ikun qiegħed isegwi bastiment li jidħol fl-ilmijiet ta' Stat Membru ieħor, huwa jkun irid jitlob permess mingħand dak l-Istat Membru kostali sabiex iwettaq ispezzjoni. Billi din pjuttost taħdem kontra l-għan tal-insewiment, qed jiġi propost li l-Istat Membru ta' ispezzjoni jinforma l-Istat Membru kostali qabel ma dan jidħol fl-ilmijiet tiegħu.

Sanzjonijiet - Il-Kummissjoni qed terġa' tipprova tarmonizza s-sanzjonijiet għal ksur serju. Din l-idea kienet diġà ġiet diskussa qabel, fil-kuntest tar-rapport Aubert dwar ir-regolamentazzjoni IUU¹. Dakinhar il-Parlament kien qabel mal-Kummissjoni li kien hemm ħtieġa li s-sanzjonijiet amministrattivi massimi jiġu armonizzati. Issa l-Kummissjoni qed tipproponi kemm livelli minimi (talanqas €5,000) kif ukoll massimi (talanqas €300,000) għas-sanzjonijiet amministrattivi.

Hemm ukoll idea innovattiva għal sistema ta' "punti ta' penalità" li jitqassmu lill-bastimenti u lill-kaptani li jwettqu ksur. Jekk il-ksur jiġi rripetut, jingħataw aktar punti, u jkun hemm livell minimu ta' punti li meta jintlaħaq iwassal għas-sospensjoni temporanja jew għat-tneħħija tal-permess għas-sajd. Jekk l-ebda ksur ieħor ma jitwettaq, il-punti jitneħħew wara ċertu żmien. Din is-sistema tista' tkun ta' għajjnuna kunsiderevoli biex l-Istati Membri jindirizzaw il-ksur b'mod aktar koerenti, u favur it-twaqqif ta' "kundizzjonijiet indaqs". Qed tiddaħħal emenda biex jiddaħħlu wkoll is-sidien tal-bastimenti, peress li fl-aħħar mill-aħħar huma responsabbli ta' dak li jagħmel il-bastiment.

Konklużjonijiet – Il-proposta tal-Kummissjoni hija pass importanti fit-triq lejn l-iżvilupp ta' "kultura ta' konformità" fl-UE u sabiex titnaqqas l-impressjoni fost il-ħafna li huma qed jiġu kkontrollati b'mod rigoruż filwaqt li l-ġirien tagħhom huma liberi li jagħmlu li jridu. Dawk kollha li tikkonċernahom il-Politika Komuni tas-Sajd għandhom iħossu li s-sistema hija ġusta, u sistema mhux diskriminatorja ta' kontroll hija essenzjali biex tiżgura li l-industrija tas-sajd ikollha ġejjieni fit-tul.

¹ Rapport Aubrey A6-0193/2008 dwar il-proposta għal Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi sistema Komunitarja biex timpedixxi, tiskoraġġixxi u telimina sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat.